# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET

# TAL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA

## IT-TMIEN SENA - ROTTA 2



| It-Taħdit | |
|---|---|
| **1** | Nieħu sehem b'mod attiv f'diskussjonijiet sempliċi dwar suġġetti li jien midħla tagħhom għax tgħallimt dwarhom b'vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi. Bħal ngħidu aħna**:** *diskussjoni dwar il-possibiltà li f'Malta jkun hawn it-tren?* |
| **2** | Nirreaġixxi b'livell bażiku u megħjun minn ġesti u pawziet fuq suġġetti li tgħallimt dwarhom ma' kelliema nattivi. |
| **3** | Nuża f'sentenzi, strutturi grammatikali f'sentenzi li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. |
| **4** | Inkompli taħdita bi frażijiet u espressjonijiet sempliċi. Inwieġeb u nistaqsi mistoqsijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum u li jinkludu vokabularju mhux bażiku biss u sentenzi sempliċi u sħaħ . *Eż Kif inti sejjer? Kif qed ħossok? X'qed jinkwetak? Niltaqgħu, Narak, Sellili għal, nibqgħu hekk, kif ftehemna, Issa naraw, Kieku tajjeb! Issa sew!* |
| **5** | Nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet bi frażijiet u sentenzi sempliċi f'sitwazzjonijiet familjari u mhux. |
| **6** | Kapaċi nwassal messaġġ qasir ta' madwar 50-60 kelma b'vokabularju mhux bażiku u mhux f' sentenzi sempliċi marbuta ma' sitwazzjonijiet li tgħallimt dwarhom u oħrajn ġodda. |
| **7** | Nagħti direzzjonijiet lil xi ħadd biex ngħinu jasal minn post għal ieħor ta' mhux aktar minn 4 punti bħal kif jasal minn post għal ieħor fl-iskola u fl-inħawi tal-madwar. |
| **8** | Nuża vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi biex ninqeda f'postijiet pubbliċi bħal f'ħanut, il-posta, il-bank, it-trasport pubbliku u l-ajruport. |
| **9** | Nitkellem dwar it-tema tal-istorja/film u nagħraf il-karattru/i ewlenin fi storja/film. |

| | Is-Smigħ |
|---|---|
| **1** | Nidentifika s-suġġett tal-aħbarijiet ewlenin fuq ir-radju dwar temi li nkun tgħallimt dwarhom bħal ngħidu aħna *aħbarijiet tal-iskola, aħbarijiet marbuta mat-temp* u oħrajn. |
| **2** | Nifhem biżżejjed li nkun nista' nesprimi ruħi bil-fomm bi frażijiet qosra fuq temi li nkun tgħallimt dwarhom imwassal lili b'mod ċar u bil-mod. |
| **3** | Insegwi l-punti prinċipali ewlenin ta' diskussjoni jew konverżazzjoni qasira ta' mhux inqas minn minuta li qed isseħħ madwari, ladarba d-diskors huwa artikolat b'mod ċar, bil-mod u b'Malti standard marbuta ma' temi li tgħallimt dwarhom. |
| **4** | Nifhem biżżejjed biex insegwi taħdita, storja, lezzjoni, rapport jew silta informattiva qasira ta' madwar 180-200 kelma u li ssir bil-mod, b'mod ċar u b'pawsi twal marbuta ma' suġġett mill-ħajja tiegħi ta' kuljum. |
| **5** | Nifhem frażijiet u espressjonijiet marbuta mal-ħajja ta' kuljum użati frekwentament fil-ħajja ta' kuljum *Eż Kif inti sejjer? Kif qed ħossok? X'qed jinkwetak? Niltaqgħu, Narak, Sellili għal, nibqgħu hekk, kif ftehemna, Issa naraw, Kieku tajjeb! Issa sew!* |
| **6** | Nifhem direzzjonijiet li jgħinuni nasal minn post għal ieħor ta' mhux aktar minn 4 punti imwassal lili b'mod ċar u bl-użu tal-ġesti/viżiv dwar postijiet fl-iskola li nattendi jew fl-inħawi tal-madwar. |

| **Il-Qari** | |
|---|---|
| **1** | Nidentifika l-argument bażiku ta' test mibni fuq sentenzi u frażijiet qosra li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi. |
| **2** | Naqra u nifhem artikli u rapporti magħmul minn sentenzi u frażijiet qosra li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi marbuta mat-temi li nkun tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom li fihom il-kittieb juża opinjonijiet partikolari bħal ngħidu aħna *il-problema tal-iskart fil-kampanja.* |
| **3** | Insib informazzjoni speċifika f'kitbiet bħal reklami, fuljetti u skedi ta' ħinijiet. |
| **4** | Nidentifika informazzjoni speċifika f'kitbiet sempliċi bħall-ittri, fuljetti u artikli qosra fil-gazzetti li jiddeskrivu avvenimenti marbuta mat-temi li nkun tgħallimt dwarhom. |
| **5** | Nifhem stejjer qosra bi plott sempliċi u bi ftit karattri u poeżiji qosra fuq temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom kif ukoll dwar temi fantastiċi li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi. |
| **6** | Naqra n-numri u l-prezzijiet bl-għaxriet fl-eluf Eż għoxrin elf, tletin elf , mija u għoxrin elf imwassla meta f'testi ma jkunux miktuba fi kliem. |

| **Il-Kitba** (tul – 50 kelma) | |
|---|---|
| **1** | Nikteb 10 frażijiet biex niddeskrivi persuna – fiżikament u bħala karattru. |
| **2** | Nikteb 10 sentenzi dwar dak li jogħġobni u jdejjaqni madwari, affarijiet li nħobb u ma nħobbx, li nixtieq nagħmel jew li nixtieq nibdel f'ħajti. |
| **3** | Nikteb paragrafu dwar oġġett tal-għażla tiegħi biex niddeskrivi l-kulur, id-daqs, l-għamla, il-piż u l-użu tiegħu. |
| **4** | Waqt li nikteb nuża aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. |
| **5** | Nikteb dwar il-passatemp tiegħi jew xi ħaġa oħra li nieħu gost nagħmel. |

| **It-temi li madwarhom għandhom jiġu żviluppati il-kisbiet huma:** | |
|---|---|
| Il-partijiet tal-ġisem | Fir-ristorant |
| Il-mezzi tat-trasport | Il-passatempi |
| Id-direzzjonijiet u l-postijiet pubbliċi | Id-dar, il-kmamar u xi nsibu fihom (Tkomplija u tfannid fuq Rotta 1) |
| Xogħlijiet (Vokabolarju bażika) | Il-familja (Tkomplija u tfannid fuq Rotta 1) |
| L-annimali (Tkomplija u tfannid fuq Rotta 1) | |